MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Numru 117/2003

Il-Pulizija
(Spettur Marthese Micallef)

vs

Angelo Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Angelo Xuereb, karta ta' identita' numru 144568(m), akkuzat talli fis-7 ta' Ottubru 2002, ghal habta tas-6.00pm, f'Bingemma limiti Rabat:
1. bil-hsieb li jikkommetti id-delitt ta' serq aggravat, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien jkun kwalifikat bil- mezz u bil-hin;

2. fl-istess gurnata, ghal habta tal-10.00pm fl-ghassa tal-Qawra iddenunzja lil Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li setghaw jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
3. rrenda ruhu recidiv b'sentenza li saret defittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-30 ta' Jannar 1998.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma dawk ta' attentat ta' serq, holqien ta' reat u recidiva, li lkoll ghandhom il-qofol taghhom minn rapport li wasal lil Pulizija fis-7 ta' Ottubru 2002. Fuq dan xehed Peter Grech li qal li f'dik il-gurnata waqt li kien bil-vettura tieghu f'Bingemma fi triqtu ghad-dar tieghu ra lil imputat isuq mutur u hawnhekk cedilu biex jghaddi; meta wasal d-dar rega' hareg ghall-kacca wara ftit hin u rega' inkrocja l-imputat li kien hawnhekk ipparkeggjat circa mitejn metru boghod mid-dar tieghu. Kompla stqarr li baqa' sejjer u ghadda minn fejn razzett li qal li huwa xi mitt metru boghod mid-dar tieghu. Kien kif kien ghaddej minn fejn dan ir-razzett li sema' tizbid gej minn gewwa r-razzett. Hu, waqaf, u kien hawn li osserva lill-imputat jitawwal minn hajt. Kompla jghid li "… kif rani telaq jigri .. hemmhekk jiena mort fejn kont innotajt il-mutur ta' l-imputat pero' hu telaq jigri fid-direzzjoni opposta". Ix-xhud gharaf l-imputat fl-awla u iddentifika wkoll minn ritratti esebiti l-mutur in kwistjoni. Fil-kors tal-kawza xehdet wkoll Josephine Grech li kienet passigiera fil-vettura mal imsemmi Peter Grech fl-ewwel okkazjoni li kienu inkrocjaw l-imputat.

Issa in kwantu ghall-provi rigwardanti l-allegat attentat ta' serq hemm is-segwenti li rrizultaw ben cari:

- li nstab sgass fil-bieb tar-razzett;
- li l-mutur Piaggio numru ta' registrazzjoni FBM 862 instab vicin ir-razzett;
- li l-imsemmi mutur jappartjeni lill-imputat.

L-imputat in difesa stqarr, fil-waqt li nnega kull involviment tieghu mal-attentat ta' serq, li l-mutur kien insteraqlu minn fejn kien hallieh ipparkeggjat bic-cwievet fih minn fejn ir-residenza tieghu fil-Qawra.

Illi pero' huwa fattur kontra tieghu li x-xhieda fuq menzjonati jiddentifikawh bhala l-persuna li raw b'dak il-mutur f'Bingemma oltre li Peter Grech stqarr li ra lill-imputat fuq xi hajt tal-istess razzett.

Fic-cirkostanzi ghalhekk hija inverosimili l-ispiegazzjoni tal-imputat u f'dan il-kuntest lanqas mhu mehjun mill-hin meta gie osservat mal-hin li ghamel r-rapport dwar s-serq tal-mutur.

Din il-Qorti ghalhekk hija moralment konvinta li l-imputat kien il-persuna konnessa mal-attentat serq. Isegwi minn dan li l-imputat ghandu jinstab hati wkoll tat-tieni reat dedott kontra tieghu u wkoll li hu recidiv stante li din giet wkoll pruvata.

Tiddecidi ghalhekk li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu . Ghal dak li hu l-attentat ta' serq hu pruvat li hemm l-aggravju tal-mezz izda mhux tal-hin. Rat l-Artikolu 261(b), 264, 278(a), 110(2), 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u tikkundannah sena prigunerija li ser jigu sospizi ghal zmien sentejn mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Tordna pero' l-konfiska tal-mutur Piaggio numru ta' registrazzjoni FBM 862 wara li rat l-Artikolu 23 tac-citat Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------